# IS-SIGURTÀ TAL-ĠUGARELLI



## Niżguraw li t-tfal ikollhom l-ogħla livell ta' protezzjoni

**Il-Kummissjoni Ewropea**
Intrapriża u Industrija



Fotolia©Orange Tuesday



Fl-UE, hemm madwar **80 miljun tifel/tifla** taħt l-14-il sena, u madwar **2,000 kumpanija** li jħaddmu aktar minn **100,000 persuna direttament fis-settur tal-ġugarelli u l-logħob**, li ħafna minnhom huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

Il-ġugarelli u l-logħob huma għodod vitali għall-iżvilupp tat-tfal. Filwaqt li l-fabbrikanti huma responsabbli għas-sigurtà tal-prodotti tagħhom, l-importaturi, il-korpi notifikati u l-awtoritajiet nazzjonali lkoll għandhom rwol biex jiżguraw li l-ġugarelli mibjugħin fil-ħwienet tal-Ewropa jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tas-sigurtà.

Huwa vitali li jiġi żgurat li r-rekwiżiti u l-istandards tas-sigurtà jlaħħqu mal-aħħar tendenzi tal-ġugarelli, b'mod speċjali minħabba li l-ħin kollu qegħdin jiġu żviluppati materjali u proċessi ta' manifatturar ġodda.

Is-suq intern għall-ġugarelli kkontribwixxa b'mod pożittiv għall-iżvilupp tas-settur u għall-protezzjoni tal-konsumatur, billi armonizza l-karatteristiċi tas-sigurtà tal-ġugarelli madwar l-UE kollha. **Id-Direttiva l-ġdida dwar is-Sigurtà** tal-Ġugarelli ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar l-infurzar u r-rekwiżiti l-ġodda dwar is-sigurtà, filwaqt li tiżgura li t-tfal ikomplu jibbenefikaw mill-ogħla livelli ta' protezzjoni.

Id-Direttiva l-ġdida ttejjeb ir-regoli eżistenti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-ġugarelli prodotti jew importati fl-UE, u għandha l-għan li tnaqqas l-inċidenti relatati mal-ġugarelli u li tikseb benefiċċji fit-tul għas-saħħa.

Illum, l-isħab kummerċjali l-iktar importanti tal-Ewropa jibqgħu l-USA għall-esportazzjoni, u l-Lvant Imbiegħed għall-importazzjoni. Waħda mill-opportunitajiet ewlenin għall-industrija tal-ġugarelli Ewropea hija l-potenzjal tal-esportazzjoni ta' prodotti Ewropej ta' kwalità għolja, li l-Kummissjoni tappoġġja billi ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq f'pajjiżi terzi.

Dan id-dokument jifforma parti minn sensiela ta' skedi informattivi maħsuba biex jagħtu ħarsa ġenerali lejn it-tibdiliet li ġabet magħha d-Direttiva dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli (id-DSĠ tal-2009) kif ġiet adottata fl-2009. L-għan tal-iskedi informattivi TIE/KE hu li dawn iservu ta' gwida għall-manifatturi tal-ġugarelli fl-UE kollha fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-DSĠ tal-2009. Jiffokaw b'mod partikolari fuq l-obbligu tal-manifatturi.

Id-DSĠ tal-2009 se ssaħħaħ ir-regoli stabbiliti mid-DSĠ tal-1988. Minħabba f'hekk, din il-leġiżlazzjoni l-ġdida se tkun teħtieġ adattamenti fil-katina tal-manifattura, kif ukoll proċeduri ġodda tul il-katina tal-forniment.

Id-DSĠ tal-2009 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-30 ta' Ġunju 2009 u daħlet fis-seħħ fl-20 ta' Lulju 2009. Id-dispożizzjonijiet ġenerali tad-DSĠ tal-2009 se japplikaw għall-ġugarelli kollha mqiegħda fis-suq mill-20 ta' Lulju 2011, filwaqt li d-dispożizzjonijiet dwar il-kimiċi se japplikaw għall-ġugarelli mqiegħda fis-suq mill-20 ta' Lulju 2013 (sentejn addizzjonali fil-perjodu tranżitorju għall-karatteristiċi kimiċi). Fil-prattika, dan ifisser li l-**ġugarelli konformi mad-DSĠ tal-1988 se jitħallew jitqiegħdu fis-suq sad-19 ta' Lulju 2011 jew sad-19 ta' Lulju 2013 fil-każ ta' ċerti dispożizzjonijiet kimiċi.**



Fotolia©megasquib



# L-ambitu tad-Direttiva tal-2009 dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli

L-ambitu tad-Direttiva tal-2009 dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli jkoprih l-Artikolu 2. Dan jipprovdi definizzjoni ta' x'inhu ġugarell u għalhekk jiddetermina jekk prodott jaqax taħt l-ambitu tad-Direttiva:

**"Kwalunkwe prodott jew materjal iddisinjat jew maħsub kemm esklużivament jew le għall-użu fil-logħob minn tfal taħt l-14-il sena".**

Meta mqabbla mad-DSĠ tal-1988, l-uniku element ġdid huwa l-kelmiet '*kemm esklużivament jew le*', li żdiedu biex jindikaw li l-prodott ma jkollux għalfejn ikun intenzjonat esklużivament għal għanijiet ta' logħob biex jitqies bħala ġugarell. Skont dan, prodotti b'funzjonijiet doppji jitqiesu bħala ġugarelli (pereżempju keychain b'teddy bear imwaħħal magħha).

Id-DSĠ tal-2009 tirrikonoxxi l-eżistenza ta' "żona dubjuża" għall-klassifikazzjoni tal-prodotti bħala ġugarelli. L-Anness I tad-DSĠ tal-2009 jippreżenta lista mhix eżawrjenti ta' eżempji li ma jitqisux bħala ġugarelli, iżda li jistgħu jikkawżaw xi konfużjoni.

Barra minn hekk, id-DSĠ tal-2009 (l-Artikolu 2(2)) telenka għadd limitat ta' prodotti li jikkonformaw mad-definizzjoni ta' ġugarell iżda li xorta huma esklużi mill-ambitu tad-DSĠ tal-2009.

**Ta' min wieħed jinnota li d-definizzjoni l-ġdida ta' ġugarell kienet intiża li tkun konformi ma' dawk li huma maħsuba bħala l-prattiċi attwali tal-manifatturi tal-ġugarelli.**

# Proċedura ta’valutazzjoni tal-konformità

Kull ġugarell li jitqiegħed fis-suq jitressaq għal proċedura ta’ valutazzjoni tal-konformità. Id-dettalji dwar min għandu jwettaq din il-proċedura u kif din għandha ssir huma pprovduti fid-DSĠ tal-2009. Hawn taħt għandek issib ħarsa ġenerali fil-qosor dwar dan.

*L-għan tal-valutazzjoni tal-konformità*
L-għan tal-proċedura ta’valutazzjoni tal-konformità huwa li juri lill-manifattur u lill-awtoritajiet pubbliċi li ġugarell li jitqiegħed fis-suq ikun konformi mar-rekwiżiti legali tad-DSĠ tal-2009.

*Id-definizzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità*
Il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-manifattur jistabbilixxi li l-ġugarell tiegħu jissodisfa d-dispożizzjoni applikabbli tad-direttiva dwar is-sikurezza. Il-manifattur jeħtieġlu japplika għal waħda minn żewġ proċeduri possibbli skont in-natura tal-ġugarell:

## 1. Awtoverifika

L-awtoverifika tintuża f’każijiet fejn l-istandards armonizzati jkopru l-aspetti kollha rilevanti għas-sikurezza tal-ġugarell. F’każijiet ta’ dan it-tip, il-manifattur irid japplika l-istandards armonizzati eżistenti u jiżgura li l-ġugarell ikun f’konformità magħhom. Il-manifattur irid ukoll jistabbilixxi proċedura ta’ produzzjoni interna skont il-Modulu A tal-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE. Il-Modulu A ma jeħtieġx l-involviment ta’ entità notifikata.



## 2. Verifika minn parti terza

Konformità ta' tip jew Modulu B spiss jissejjaħ "eżami tat-tip tal-KE". L-eżami u ċ-ċertifikazzjoni tat-tip tal-KE huma meħtieġa f'każijiet fejn:

- *ma jeżistux standards armonizzati;*
- *standards armonizzati ma ġewx applikati jew ġew applikati biss parzjalment minn manifattur;*
- *standard armonizzat wieħed jew aktar ġew ippubblikati mingħajr restrizzjoni; jew*
- *il-manifattur iqis li n-natura, id-disinn, il-binja jew l-iskop tal-ġugarell jitolbu verifika minn parti terza.*

F'każijiet ta' dan it-tip il-manifattur jissottometti mudell tal-ġugarell lill-entità notifikata għal eżami tat-tip tal-KE. Skont il-Modulu B, l-entità notifikata teżamina d-disinn tekniku tal-ġugarell u tivverifika u tagħti xhieda li d-disinn tekniku tal-ġugarell jissodisfa r-rekwiżiti tad-DSĠ tal-2009 billi toħroġ ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-Modulu B jkopri l-fażi tad-disinn biss, filwaqt li l-Modulu C jkopri l-fażi tal-produzzjoni u jsegwi l-Modulu B.

Skont il-Modulu C, il-manifattur jiżgura l-konformità tal-ġugarelli mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE u mar-rekwiżiti rilevanti tal-istrumenti leġiżlattivi applikabbli. Din il-konformità tiġi mistħarrġa permezz ta' ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE approvat maħruġ skont il-Modulu B. Għall-kuntrarju tal-Modulu B, il-Modulu C ma jeħtieġx l-involviment ta' xi entità notifikata.



### Id-differenza bejn il-valutazzjoni tas-sikurezza u l-valutazzjoni tal-konformità

L-għan tal-valutazzjoni tas-sikurezza huwa li tidentifika l-perikli potenzjali ta' ġugarell, filwaqt li tistima l-esponiment potenzjali għal dawk il-perikli. Il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità, min-naħa l-oħra, tipprovdi xhieda li tista' tintwera li l-ġugarell ikun konformi mar-rekwiżiti legali tad-DSĠ tal-2009. Ġeneralment, il-valutazzjoni tas-sikurezza ssir qabel ma l-ġugarell jiġi sottomess għall-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa (għalkemm tista' titlesta aktar tard) u għandha titlesta qabel ma l-ġugarell jitqiegħed fis-suq.



# Il-proċedura permezz ta'valutazzjoni tas-sikurezza



## Id-definizzjoni tal-valutazzjoni tas-sikurezza

Valutazzjoni tas-sikurezza teħtieġ li l-manifattur jidentifika l-perikli potenzjali li l-ġugarell jaf jippreżenta, u li dan jistima l-esponiment potenzjali għal dawk il-perikli. Skont id-DSĠ tal-2009, din il-proċedura hija obbligatorja u trid titwettaq qabel ma l-ġugarell jitqiegħed fis-suq.

## L-ambitu tal-valutazzjoni tas-sikurezza

Il-valutazzjoni tas-sikurezza hija r-responsabbiltà tal-manifattur u trid titwettaq qabel ma l-ġugarell jitqiegħed fis-suq tal-Komunità. Din għandha tkopri l-perikli varji kimiċi, fiżiċi, mekkaniċi, elettriċi, ta' fjammabilità, iġjeniċi u radjoattivi li l-ġugarell jaf jippreżenta. Lista ta'rekwiżiti varji li l-manifattur jeħtieġlu jivvaluta f'relazzjoni ma' dawn il-perikli hija pprovduta fl-Anness II tad-DSĠ tal-2009.

Bosta minn dawn ir-rekwiżiti huma inkorporati fl-istandards armonizzati dwar is-sikurezza tal-ġugarelli; madankollu, il-manifattur jibqa' obbligat li jivvaluta jekk hemmx xi nuqqasijiet fl-istandard u/jew karatteristiċi tal-ġugarell li jafu jippreżentaw xi periklu potenzjali. L-eżitu tal-valutazzjoni tas-sikurezza se jiddetermina liema proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità hija meħtieġa, u kwalunkwe ttestjar u/jew passi xierqa sabiex jitnaqqsu r-riskji.

**Il-valutazzjoni tas-sikurezza għandha tinżamm mill-manifattur fid-dokumentazzjoni teknika għal għaxar (10) snin wara li l-ġugarell ikun tqiegħed fis-suq.**



Fotolia©claireliz

# Twissijiet

## Regoli ġenerali

Ir-regoli ġenerali li jispeċifikaw il-limiti tal-utent għandhom jiġu pprovduti mal-ġugarell meta dawn ikunu xierqa għall-użu bla perikli. Barra minn hekk, il-Parti B tal-Anness V tad-DSĠ tal-2009 tistipula li għandhom jiġu pprovduti twissijiet speċifiċi għal ċerti kategoriji ta' ġugarelli. Barra mir-rekwiżiti obbligatorji stipulati fid-DSĠ tal-2009, l-istandards armonizzati jispeċifikaw ukoll twissijiet li għandhom jakkumpanjaw ċerti kategoriji ta' ġugarelli.

Fit-territorju tiegħu, Stat Membru jista' jistipula li t-twissijiet ikunu miktuba bil-lingwa jew lingwi li l-konsumaturi jifhmu faċilment, skont ma jiddetermina l-Istat Membru.

## Il-pożizzjoni tat-twissijiet



Il-manifattur għandu jimmarka t-twissijiet b'mod li jkun jidher ċar, jinqara bla diffikultà u jiftiehem b'mod preċiż. It-twissijiet għandhom jiġu mmarkati fuq il-ġugarell, tikketta mwaħħla miegħu jew fuq il-pakkett. Jekk jixraq, it-twissijiet għandhom jiġu inklużi wkoll fl-istruzzjonijiet. Huwa importanti li wieħed jinnota li f'każijiet fejn il-ġugarell jinbiegħ bla pakkett, it-twissijiet jeħtieġ li jiġu mwaħħla mal-ġugarell innifsu. Mhux biżżejjed biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tad-DSĠ tal-2009 li t-twissijiet jitwaħħlu ma' kaxxa tal-wiri fuq l-ixkaffa jew bank fejn jinbiegħ il-prodott. It-twissijiet li jiddeterminaw id-deċiżjoni dwar jekk wieħed jixtrix il-prodott jew le, bħall-indikazzjonijiet dwar l-età minima jew massima tal-utent u t-twissijiet speċifiċi mfissra fil-Parti B tal-Anness V tad-DSĠ tal-2009, għandhom jidhru fuq il-pakkett li jiġi f'idejn il-konsumatur qabel jixtri l-prodott jew inkella jkunu viżibbli b'mod ċar għall-konsumatur qabel ma jixtri, anki f'każijiet fejn ix-xiri jsir minn fuq l-internet.



Fotolia©Kavita

## Twissijiet speċifiċi

Il-limiti tal-utent għandhom jinkludu tal-anqas l-età minima jew massima tal-utent. Jekk jixraq, dawn għandhom jinkludu wkoll l-abilitajiet jew il-karatteristiċi meħtieġa mill-utent biex ikun jista' juża l-ġugarell bla perikli (pereżempju l-abilità li jpoġġi bilqiegħda bla għajnuna, il-piż massimu u minimu tal-utent, il-bżonn li l-ġugarell jintuża taħt superviżjoni).

L-operaturi ekonomiċi jistgħu jagħżlu bejn twissija miktuba jew twissija stampata (jew it-tnejn li huma):




## Twissija – Mhux adatt għal tfal taħt is-36 xahar

F'kull każ, il-frażi miktuba u/jew l-istampa għandu jkollhom qabilhom il-kelma "Twissija" jew "Twissijiet" skont il-każ. It-twissija speċifika "*Mhux adatt għal tfal taħt it-tliet snin*" u l-istampa mfissra fil-Parti B tal-Anness V tad-DSĠ tal-2009 fir-rigward tat-tfal taħt it-tliet snin ma jistgħux jintużaw għal ġugarelli maħsuba għal tfal taħt it-tliet snin. Aktar ġenerali, it-twissijiet speċifiċi pprovduti għal ċerti kategoriji ta' ġugarelli ma jistgħux jikkontradixxu l-użu intenzjonat tal-ġugarell, kif ikun iddeterminat permezz tal-funzjoni, id-dimensjoni u l-karatteristiċi tiegħu. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni Ewropea tista' tipproponi frażijiet għal twissijiet speċifiċi ta' ċerti kategoriji ta' ġugarelli.

# Traċċabilità

## X'tgħid id-DSĠ tal-2009

Kull manifattur għandu jiżgura li l-ġugarell tiegħu jkun jista' jiġi identifikat. Dan jista' jsir billi jintuża numru tat-tip, tal-kunsinna, numru serjali jew tal-mudell jew xi element ieħor li jippermetti li l-ġugarell ikun jista' jiġi identifikat. Il-ġugarell għandu jkollu fuqu wkoll l-isem tal-manifattur, il-marka jew l-isem kummerċjali reġistrat. Għandu jiġi pprovdut ukoll indirizz waħdieni fejn jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.

Jekk id-daqs jew in-natura tal-ġugarell ma tkunx tippermetti li dan ikollu fuqu l-element ta' identifikazzjoni u l-informazzjoni dwar il-manifattur, il-manifattur għandu jqiegħed l-informazzjoni rikjesta fuq il-pakkett jew f'dokument li jingħata mal-ġugarell. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-indirizz waħdieni fejn jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur għandu jkun indirizz postali jew kaxxa postali (webstajt ma titqiesx bħala indirizz għall-kuntatt).

Jekk importatur iqiegħed ġugarell fis-suq, fuq il-ġugarell għandhom jidhru wkoll isem l-importatur u l-marka jew isem kummerċjali tiegħu, flimkien ma' indirizz waħdieni għall-kuntatt jew, fejn dan ma jkunx possibbli, fuq il-pakkett jew f'dokument li jingħata mal-ġugarell.

## Għażliet possibbli għall-manifatturi

Il-manifatturi huma liberi li jagħżlu l-element li jixtiequ jużaw fuq ġugarell biex jippermettu l-identifikazzjoni tiegħu, sakemm it-traċċabilità tkun żgurata.



# Dikjarazzjoni ta' konformità

Meta ġugarell jitqiegħed fis-suq, il-manifattur jeħtieġlu jipproduċi dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE (DtK). Permezz ta' dan, il-manifattur jiċċertifika u jassumi r-responsabbiltà fir-rigward tal-konformità tal-ġugarell mar-rekwiżiti essenzjali tad-DSĠ tal-2009.

Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat stabbilit fl-UE jeħtieġlu jżomm id-DtK għal għaxar (10) snin wara li l-ġugarell ikun tqiegħed fis-suq.

Id-DtK għandha tiġi tradotta fil-lingwi meħtieġa mill-Istati Membri fejn il-ġugarell ikun tqiegħed jew magħmul disponibbli fis-suq.

Id-DtK għandha tistqarr li jkun intwera li r-rekwiżiti tas-sikurezza tad-DSĠ tal-2009 jkunu ġew sodisfatti, u bħala minimu għandu jinkludi (dwar l-għamla, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness III tad-DSĠ tal-2009):

- *in-numru (uniku) ta' identifikazzjoni tal-ġugarell;*
- *l-isem u l-indirizz tal-manifattur jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu;*
- *stqarrija li "Din id-dikjarazzjoni tal-konformità qed tinħareg taħt ir-responsabbiltà unika tal-manifattur";*
- *l-oġġett tad-dikjarazzjoni (inkluża stampa bil-kulur);*
- *ir-referenzi għall-istandards armonizzati rilevanti użatijew ir-referenzi għall-ispeċifikazzjonijiet li b'relazzjoni magħhom tiġi ddikjarata l-konformità;*
- *(fejn applikabbli,) l-istqarrija li "il-korp notifikat... (isem, numru)… wettaq … (deskrizzjoni tal-intervent li jkun sar)… u ħareġ iċ-ċertifikat";*
- *informazzjoni addizzjonalibħad-data, il-post, il-firma tal-manifattur, u l-funzjoni tal-firmatarju.*



Fotolia©Cyse





Ta’ min wieħed jinnota li l-importatur għandu wkoll iżomm kopja tad-DtK tal-manifattur għal perjodu ta’ għaxar (10) snin wara li l-ġugarell ikun tqiegħed fis-suq.

Aktar minn ġugarell wieħed jista’ jiġi referenzjat mid-DtK sakemm ir-rekwiżiti ta’ hawn fuq ikunu sodisfatti, iżda hemm rekwiżit li jitlob li d-DtK trid tiġi aġġornata kontinwament meta jkunu meħtieġa xi tibdiliet.



Fotolia©Philippe Maville

## Is-sorsi ta’ informazzjoni

http://ec.europa.eu/enterprise/toys

## Kuntatt

INTL-REG-AGREEMENTS-TOYS@ec.europa.eu

**TOY INDUSTRY OF EUROPE**
Boulevard de Waterloo, 36
1000 Brussels
www.tietoy.org

**DĠ Intrapriża u Industrija**
Rue Belliard, 100
1049 Brussels
http://ec.europa.eu/enterprise/index_htm




NB-31-10-693-MT-C doi:10.2769/80393

Directorate-General for Enterprise and Industry

**WE MEAN BUSINESS**

Design: R4 unit DG ENTR
Fotolia©Andrey Kiselev

Din l-iskeda informattiva tirrifletti l-mod kif aħna fhimna t-test tad-DSĠ tal-2009 ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-30 ta' Ġunju 2009 u l-ħsieb tagħha huwa li sempliċiment tenfasizza b'mod ġenerali ċerti dispożizzjonijiet ta' dak it-test.

ISBN 978-92-79-16869-7

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet